



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' April 2022
(OR. en)

7992/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0103(NLE)**

**UK 68
IXIM 82
JAI 466**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 158 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward id-determinazzjoni skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar id-data minn meta d- <i>data</i> personali kif imsemmija fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 ta' dak il-Ftehim tkun tista' tiġi pprovduta mill-Istati Membri lir-Renju Unit

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 158 final.

Mehmuż: COM(2022) 158 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.4.2022
COM(2022) 158 final

2022/0103 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward id-determinazzjoni skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar id-data minn meta d-*data* personali kif imsemmija fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 ta' dak il-Ftehim tkun tista' tiġi pprovduta mill-Istati Membri lir-Renju Unit

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna deċiżjoni tal-Kunsill, sabiex l-Unjoni tagħmel dikjarazzjoni li tistabbilixxi d-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* personali relatata mal-profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika lir-Renju Unit, f'konformità mal-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem: "ir-Renju Unit"), min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem: il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni").

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-TCA

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (minn hawn 'il quddiem: "TCA") jistabbilixxi l-bażi għal relazzjoni estensiva bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, f'żona ta' prosperità u ta' viċinanza tajba, ikkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, b'rispett għall-awtonomija u s-sovranità tal-Partijiet. Huwa ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2021 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.

It-TCA jipprevedi kooperazzjoni bejn il-Partijiet dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profilu tad-DNA, id-*data* dattiloskopika u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Madankollu, tali kooperazzjoni tista' tibda biss ladarba l-Unjoni tkun ivverifikat li r-Renju Unit ikun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 u fl-Anness 39 tat-TCA. Wara żjara ta' evalwazzjoni fir-Renju Unit fl-24 u l-25 ta' Novembru 2021, it-tim ta' evalwazzjoni tal-UE kkonkluda fir-rapporti tiegħu li l-kooperazzjoni mar-Renju Unit dwar il-profilu tad-DNA u d-*data* dattiloskopika tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti. Dawn ir-rapporti ġew ippreżentati lill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2022.

Ir-Renju Unit s'issa ma indikax li lest li jiġi evalwat fir-rigward tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi.

2.2. L-att previst tal-Unjoni

L-Artikolu 540(2) tat-TCA jipprevedi li l-Unjoni trid tiddetermina d-data minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* personali lir-Renju Unit skont it-Titolu II ("Skambju ta' *data* dwar id-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi"), abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni u, meta applikabbli, prova pilota.

Skont l-Anness 39 tat-TCA, il-Kunsill għandu jiddeċiedi abbażi ta' evalwazzjoni dwar jekk ir-Renju Unit issodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-iskambju awtomatizzat tad-*data*. Id-deċiżjoni trid tkun ibbażata fuq rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jiġbor fil-qosor ir-riżultati ta' kwestjonarju rilevanti, żjara ta' evalwazzjoni u, meta jkun applikabbli, prova pilota.

Dik id-deċiżjoni ssir vinkolanti, skont id-dritt internazzjonali, għar-Renju Unit permezz ta' dikjarazzjoni unilaterali mill-Unjoni, kif jirriżulta mill-Artikolu 540(2) tat-TCA. Id-dikjarazzjoni unilaterali tal-Unjoni jeħtieġ li tiġi nnotifikata lir-Renju Unit.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Sfond

It-TCA jagħmilha possibbli li jkun hemm kooperazzjoni dwar it-tqabbil awtomatizzat tal-profilu tad-DNA, id-*data* tal-marki tas-swaba' u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Sabiex jieħu vantaġġ minn dawn il-possibbiltajiet, ir-Renju Unit l-ewwel kellu bżonn jgħaddi minn evalwazzjoni.

Wara żjara ta' evalwazzjoni fir-Renju Unit fl-24 u l-25 ta' Novembru 2021, it-tim ta' evalwazzjoni tal-UE kkonkluda fir-rapporti tiegħu li l-kooperazzjoni mar-Renju Unit dwar il-profilu tad-DNA u d-*data* dattiloskopika tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti. Dawn ir-rapporti ġew ippreżentati lill-Kunsill fl-x ta' Marzu 2022 u wittew it-triq għall-Kunsill biex jippermetti lill-Unjoni tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* personali rigward profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika lir-Renju Unit kif imsemmi fl-Artikolu 540(2) tat-TCA.

3.2. Pożizzjoni proposta

Fid-dawl ta' li ntqal fuq, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi XXXXX bħala d-*data* minn meta l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu *data* personali rigward il-profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, lir-Renju Unit.

Matul is-sħubija tiegħu fl-Unjoni, ir-Renju Unit ipparteċipa fl-iskambju ta' *data* dattiloskopika u tal-profilu tad-DNA bejn l-Istati Membri, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI¹ u 2008/616/ĠAI². Sabiex tiġi evitata waqfa fil-kooperazzjoni li għaddejjja dwar id-*data* dattiloskopika u tal-profilu tad-DNA, it-TCA jipprevedi perjodu interim, li matulu l-Istati Membri jistgħu jipprovdu tali *data* lir-Renju Unit sakemm joħroġ l-eżitu tal-evalwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 540(1) TCA. Dak il-perjodu interim inizjalment dam sat-30 ta' Settembru 2021 u ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2022 b'deċiżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja tat-28 ta' Settembru 2021³. Madankollu, dan ma jistax jiġi estiż aktar. Għalhekk, biex tiġi evitata waqfa fil-kooperazzjoni li għaddejjja, l-Unjoni se jkollha tagħmel id-dikjarazzjoni unilaterali meħtieġa sat-30 ta' Ġunju 2022.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

³ Id-Deċiżjoni Nru 1/2021 tal-Kumitat Speċjalizzat stabbilit bl-Artikolu 8(1)(r) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, tat-28 ta' Settembru 2021 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 540(3) li matulu profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika jistgħu jiġu skambjati mar-Renju Unit [2021/1946] (Skont ir-Regola 9(2) tal-Anness 1 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u Kooperazzjoni, is-Segretarjat għandu jirreġistra kull deċiżjoni jew rakkomandazzjoni b'numru tas-serje u b'referenza għad-*data* tal-adozzjoni tiegħu.) (ĠU L 397, 10.11.2021, p. 32).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. *Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa ta’ regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”⁴.

4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-Artikolu 540(1) u (2) tat-TCA jipprevedi li meta r-Renju Unit ikun issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 fl-Anness 39 tat-TCA, l-Unjoni għandha tiddetermina d-data jew id-dati minn meta l-Istati Membri jistgħu jipprovdu *data* personali rigward il-profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika lir-Renju Unit. Filwaqt li tali determinazzjoni hija att unilaterali tal-Unjoni u mhux att li jrid jiġi adottat minn xi wieħed mill-korpi stabbiliti mit-TCA, hija madankollu tipproduċi effetti legali. Għalhekk, il-pożizzjoni tal-Unjoni li ssejjes dik id-determinazzjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita f’konformità mal-Artikolu 218(9) TFUE, applikat b’analoġija.

L-effetti legali tad-dikjarazzjoni huma vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u tal-estensjoni jaqgħu kompletament fuq l-Unjoni, bħala Parti fit-TCA. Għalhekk, f’konformità mal-Artikolu 3(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva f’din il-kwistjoni.

Id-determinazzjoni tad-data rilevanti kif imsemmija fl-Artikolu 540(2) tat-TCA ma twassalx biex il-qafas ta’ dak il-ftehim ikun issupplimentat jew emendat.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni dwaru. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta’ att previst li jkollu għadd ta’ oġettivi simultanjament, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbutin b’mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-bażi ġuridika sostantiva ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, il-Ġermanja vs il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Id-determinazzjoni tad-data jew tad-dati msemmija fl-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni għandha l-objettivi u l-komponenti fil-qasam tal-protezzjoni tad-data u l-kooperazzjoni tal-pulizija.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 87(2)(a) TFUE.

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni (UE) 2021/689⁵, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika sostantiva tagħha.

4.3. **Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikoli 16(2) u 87(2)(a) TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata, ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-konfront tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq rigward id-determinazzjoni skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar id-data minn meta d-*data* personali kif imsemmija fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 ta' dak il-Ftehim tkun tista' tiġi pprovduta mill-Istati Membri lir-Renju Unit

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16(2) u l-punt (a) tal-Artikolu 87(2), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2021 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, u tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata⁶,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (minn hawn 'il quddiem: "ir-Renju Unit"), min-naħa l-oħra⁷ ("il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni") jipprevedi kooperazzjoni reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kompetenti tal-Istati Membri, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra, li tikkonċerna t-tqabbil awtomatizzat tal-profilu tad-DNA, id-*data* dattiloskopika u d-*data* tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Bħala prerekwiżit għal tali kooperazzjoni, l-ewwel jeħtieġ li r-Renju Unit jieħu l-miżuri ta' implimentazzjoni neċessarji u ssirlu evalwazzjoni mill-Unjoni.
- (2) Abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni ġenerali, li jiġbor fil-qosor ir-risultati ta' kwestjonarju rilevanti, żjara ta' evalwazzjoni u, meta jkun applikabbli, prova pilota, l-Unjoni trid tiddetermina d-*data* jew id-dati minn meta tali *data* tkun tista' tiġi pprovduta mill-Istati Membri lir-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (3) B'ittra tat-23 ta' Lulju 2021, ir-Renju Unit informa lill-Kummissjoni, permezz tal-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja, li kien implimenta l-obbligi imposti skont it-Titolu II tal-Parti 3 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni fir-rigward tal-profilu tad-DNA u d-*data* dattiloskopika. Ir-Renju

⁶ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2.

⁷ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

Unit għamel ukoll dikjarazzjonijiet u deżinjazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 0 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni u esprimira r-rieda tiegħu li jiġi evalwat għall-iskambju ta' *data* bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri dwar il-profilu tad-DNA u *d-data* dattiloskopika.

- (4) Il-Kummissjoni baġtet lir-Renju Unit, fit-14 ta' Ottubru 2021, kwestjonarji relatati mal-iskambju awtomatiku ta' profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika. Fit-8 ta' Novembru 2021, ir-Renju Unit ipprova t-tweġibiet tiegħu għal dawn il-kwestjonarji lill-Kummissjoni. Dawn it-tweġibiet ġew ipprovduti lit-tim ta' evalwazzjoni, u ġew ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI u lill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar ir-Renju Unit fil-11 ta' Novembru 2021.
- (5) F'konformità mal-Kapitolu 4 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, fid-9 ta' Novembru 2021, il-Kunsill iddeċieda li ma kienet meħtieġa l-ebda prova pilota fir-rigward tal-profilu tad-DNA u *d-data* dattiloskopika.
- (6) Fl-24 u l-25 ta' Novembru 2021, ir-Renju Unit għadda minn evalwazzjoni fir-rigward tat-tiftix u t-tqabbil ta' profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika. Ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward il-profilu tad-DNA kkonkluda li, abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni *ex ante*, l-implimentazzjoni tat-tqabbil awtomatizzat tal-profilu tad-DNA u l-fluss ta' informazzjoni relatat tista' titqies li ġiet konkluzja fir-Renju Unit, kemm fil-livell legali kif ukoll f'dak tekniku. Ir-rapport ta' evalwazzjoni rigward id-*data* dattiloskopika kkonkluda li, abbażi tal-eżitu tal-evalwazzjoni *ex ante*, l-implimentazzjoni tal-applikazzjoni tad-*data* dattiloskopika awtomatizzata u l-fluss ta' informazzjoni tad-*data* dattiloskopika awtomatizzata relatat jistgħu jitqiesu li ġew konklużi fir-Renju Unit, kemm fil-livell legali kif ukoll f'dak tekniku.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 4 tal-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, li jiġbru fil-qosor ir-riżultati tal-kwestjonarji u ż-żjara ta' evalwazzjoni, ġew ippreżentati lill-Kunsill fis-17 ta' Marzu 2022.
- (8) Peress li r-Renju Unit issodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 539 u l-Anness 39 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, skont l-Artikolu 540(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jenħtieġ li l-Unjoni tiddetermina *d-data* jew id-dati minn meta l-Istati Membri jkun jistgħu jipprovdur *data* personali rigward il-profilu tad-DNA u *data* dattiloskopika kif imsemmi fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, lir-Renju Unit. Jenħtieġ li l-Unjoni tinnotifika lir-Renju Unit b'din il-pożizzjoni fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja.
- (9) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni huwa vinkolanti għall-Istati Membri kollha bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689, li hija bbażata fuq l-Artikolu 217 TFUE bħala l-bażi ġuridika sostantiva tagħha.
- (10) Id-Danimarka u l-Irlanda huma marbutin bl-Artikolu 540 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 u għalhekk qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li timplimenta l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni fir-rigward tad-data jew id-dati minn meta id-*data* personali rigward il-profilu tad-DNA u d-*data* dattiloskopika kif imsemmija fl-Artikoli 530, 531, 534 u 536 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni tkun tista' tiġi pprovduta lir-Renju Unit mill-Istati Membri għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' dikjarazzjoni unilaterali tal-Unjoni mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-Renju Unit għandu jiġi nnotifikat bil-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 1 fil-Kumitat Speċjalizzat dwar l-Infurzar tal-Liġi u l-Kooperazzjoni Ġudizzjarja.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*